# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta tas-6 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 161/2021 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**SB f'isimha propju u ghan-nom tal-ulied minuri S, D u A**
**Vs**
**LB u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' SB pro et noe datat 17 ta' Gunju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti SB u l-konvenut LB zzewgu nhar id-dsatax ta' Lulju tas-sena elfejn u wiehed (19/07/2001)(Dok SB1);*

2. *Illi matul iz-zwieg taghhom, twieldu S nhar X (Dok SB2), D nhar Y (Dok SB3) u A nhar Z (Dok SB4) u stante li fil-mument tat-twelid tal-ulied, l-esponenti kienet ghadha legalment mizzewga lill-konvenut, it-tliet minuri gew irregistrati bhala uliedu anke jekk dawn mhumiex tieghu;*

3. *Illi jirrizulta li l-partijiet qatt m'ghexu bhala mizzewgin u fil-fatt l-esponenti ilha ma tara lil zewgha ghal diversi snin; fil-fatt huma anke ddivorzjaw b'digriet tal-25*

*ta' April 2018 (Dok SB5);*

4. *Illi ghalhekk, ghalkemm l-ulied gew ikkoncepiti u twieldu waqt li l-partijiet kienu ghadhom legalment mizzewgin, mill-provi ser jirrizulta li l-partijiet kienu fl-impossibilita` fizika li jghammru flimkien bejn il-mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-ulied;*

5. *Illi stante t-trepass tas-sitt xhur mit-twelid taz-zewg minuri, l-esponenti ipprosegwiet b'rikors ai termini tal-artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u b'digriet tal-15 ta' Gunju 2021 hawn anness u mmarkat Dok SB6, giet awtorizzata tipprosegwi f'dil-istanza;*

*Jghidu ghalhekk l-intimati, ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenut LBmhux il-missier naturali u bijologiku tal-minuri S, D u A, ahwa B;*

2. *Konsegwentement tordna li jithassru d-dettalji tal-konvenut LB mil-kolonna "isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" mic-certifikati tat-twelid tal-minuri S, D u A u jigu sostitwiti bil-kliem, "missier mhux maghruf";*

3. *Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fl-istess certifikati tat-twelid tal-minuri u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.*

4. *Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, jekk ikun il-kaz, jaffettwa l-korrezzjonijiet opportuni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghall-imsemmija certifikati tat-twelid;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma minn issa ingunti in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 23 ta' Lulju 2021 a fol 25 et seqq., li

taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament, l-esponenti jeċċepixxi illi l-attriċi ma ddikjaratx taħt liema artikolu tal-liġi hija qiegħda ssejjes il-kawża istanti u għaldaqstant għandha tiddikjara taħt liema artikolu tal-liġi hija qiegħda tibbaża l-azzjoni tagħha sabiex b'hekk l-esponenti jkun f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb. Kwindi, f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponenti, bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti, umilment qiegħed jirriserva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ, u dan wara li r-rikorrenti tindika taħt liema dispożizzjoni tal-liġi hija qiegħda tesperixxi l-proċeduri istanti;*

2. *Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk dwar il-mertu huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi miġjubin għandhom ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti trid tegħleb il-preżunzjoni legali maħluqa tramite l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u b'mod konvinċenti turi li l-pussess ta' stat tal-minuri S, D u A D ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħhom;*

4. *Illi r-rikorrenti għandha fuqha l-oneru li ġġib il-prova illi fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid ta' uliedha minuri, hija wettqet adulterju u di piu' trid tipprova, inter alia, tramite testijiet ġenetiċi, illi LB mhux il-missier naturali tal-imsemmijin minuri;*

5. *Illi bla preġudizzju għal dak premess, l-esponenti huwa tal-umli fehma illi jkun fl-aħjar interess tal-minuri S, D u A illi jkunu jafu min hu l-missier naturali tagħhom. Għaldaqstant, jekk jintlaqgħu t-talbiet attriċi, ikun ta' benefiċċju u xieraq illi l-attriċi SB tispeċifika min hu l-missier naturali tal-minuri sabiex b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-proċeduri istanti u sussegwentament jiġu modifikati wkoll it-talbiet attriċi anke permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu*

*b'mod definittiv liema kunjom għandhom jassumu l-minuri S, D u A;*

7. *Illi subordinatament, dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, huwa importanti li l-kliem 'the said' li jinsab qabel isem Lhoucine Boubaghor, senjatament fil-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikat it-tagħrif dwar l-omm, għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid segwenti, kopji ta' liema qed jiġu hawn annessi u mmarkati Dok. DRP 1, Dok. DRP 2 u Dok. DRP 3 rispettivament:*

   i. *Att tat-Twelid ta' S, innumerat 3015/2010;*
   ii. *Att tat-Twelid ta' D, innumerat 1593/2013; u*
   iii. *Att tat-Twelid ta' A, innumerat 5063/2015;*

8. *Illi finalment, l-esponenti dejjem mingħajr preġudizzju għas-surriferit, jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tiegħu u għaldaqstant huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat ir-rapport flimkien mal-affidavit ta' Dr Marisa Cassar, datat 25 ta' Novembru 2021, vide fol 70;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat naqas milli jippresenta r-risposta tieghu u naqas milli jidher, ghaldaqstant huwa kontumaci;

Rat il-fakolta moghtija lill-intimat sabiex jippresenta is-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Art. 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta,

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti (vide fol 89);

**Ikkonsidrat:**

**Profs Anna Vella, clinical chair tad-Detox Centre xehdet nhar l-24 ta' Jannar 2022** ***(vide fol 75A et seq)*** xehdet illi hija t-tabiba tal-attrici u ilha tabiba taghha mis-sena 2001. Tispjega illi l-attrici kellha hafna problemi u hafna sitwazzjonijiet differenti. Illi filfatt l-ewwel zewgt itfal taghha ma kienux taht il-kura u l-kustodja taghha, pero' l-ohrajn dejjem kienu maghha. Tirrileva illi minn meta giet nieqsa omm l-attrici, l-attrici waqfet tabbuza mid-droga u llum qieghda fl-ahhar fazi tal-medikazzjoni taghha u filfatt qieghdin jafdawha bil-medikazzjoni id-dar peress li lahqet certu livell ta' stabbilita' u dana wara li ghamlet tliet xhur shah thalli *urine samples* fil-gimgha. Illi dawna dejjem irrizultaw fin-negattiv ghal kull sustanza. Illi ormai qieghdin jitolbu lill-attrici thalli kampjuni tal-urina at random fuq bazi mensieli. Ix-xhud tikkonferma illi l-attrici kellha sitt itfal u li wiehed minnhom gie nieqes f'incident. Izzid illi l-kbira, wara li giet tterminata l-*care order* meta saret adulta, regghet marret tghix mal-attrici u llum ulied l-attrici qieghdin kollha maghha. Mistoqsija fuq l-intimat, ix-xhud twiegeb illi hija lanqas biss kienet taf li jezisti izda kienu raw il-kunjomijiet tat-tfal iz-zghar meta gew biex jidhlu l-iskola u dan minkejja li l-attrici kienet dejjem tirreferi ghal missirijiet u rgiel ohra li kellha f'hajjitha imma qatt ma semmiet lill-intimat.

Ix-xhud tispjega ukoll illi r-rwol taghha d- Detox jinkludi wkoll li tiehu hsieb lin-nisa kollha li johorgu tqal u anke jezaminaw it-tfal taghhom. Illi t-tfal tal-attrici kienu ukoll parti mill-istudju tal-PHD tax-xhud u cioe l-effett tal-eroina u l-opjaci fit-tfal u l-omm. Ghalhekk hija kienet involuta aktar peress li kienet qieghda tara kif kienu qieghdin jizviluppaw. Profs Vella hija parti mill-*Founding Committee* ta' Dar Hosea u tiehu hsieb lin-nisa li jinqabdu fil-prostituzzjoni u lill-attrici kienet tiehu hsiebha anke minn dan il-lat.

Fir-rigward iz-zewg itfal iz-zghar ix-xhud tixhed illi huma "*quite a handful*" izda l-attrici ghandha *parenting skills* tajbin hafna. Illi pero' il-minuri ghaddew minn certu trawmi fil-hajja taghha, li ma kienux kollha jiddependu minn l-attrici, fosthom il-mewt tat-tifel il-kbir li halla impatt kemm fuq l-attrici u anke fuq uliedha peress li dan it-tifel kien il-pilastru tal-familja kollha. L-attrici pero', ssokktat fil-glieda taghha kontra d-droga u ma kellhiex *relapse* u anke resqet lill-uliedha lejn is-servizzi li toffri Dar Hosea bhal *psychological therapy.*

In **kontro-ezami**, mistoqsija jekk iltaqghatx mal-missirijiet tat-tfal u jekk gielix talbu ghal-kunsens taghhom fir-rigward tat-tfal, Profs Vella wiegbet fin-negattiv izda ssemmi li hemm persuna li hija tahseb li huwa missier ta' xi tfal minnhom. Izzid illi dan ir-ragel ghamel xi zmien twil il-habs, u l-attrici kienet ghamlet zmien tmur tarah izda it-tfal qatt ma kienu involuti. Issa dan ir-ragel m'ghadux il-habs u ghalkemm kultant jitfacca, kienet dejjem l-attrici li hadet hsieb it-tfal

kollha u rabbithom hi.

**Dr Veronica Zammit xehdet nhar l-24 ta' Jannar 2022 (*vide fol 75D et seq)*** u spjegat illi hija kienet ghamlet xi zmien tahdem Dar Hosea u kienet iltaqghet mal-attrici hemmhekk. Hija rrilevat illi s-shelter huwa intiz ghall-nisa li jahdmu fil-prostituzzjoni. Ix-xhud tindika illi hija taf ukoll lit-tfal peress li SB kienet gabet it-tfal gewwa s-shelter u gieli hargitha bit-tfal u kellha relazzjoni tajba hafna maghha. Ix-xhud xehdet illi l-attrici kellha sitt itfal izda issa ghandha hamsa ghaliex il-kbir gie nieqes. Ix-xhud tishaq illi kien hemm diversi nisa fix-*shelter* izda qatt ma rat lil hadd jiehu daqshekk hsieb lit-tfal daqs l-attrici. Qabel ma tiekol hi, kienet tara illi t-tfal jieklu , tiehu hsiebhom, tara li dejjem nodfa. Ix-xhud tirrileva illi it-tfal kienu jigu qabel kollox ghaliha. Filwaqt li l-ohrajn kienu joqghodu bilqieghda, hi u t-tfal taghha kienu jghinuhom jahslu l-platti.

Mistoqsija jekk qatt iltaqghetx ma' xi hadd li jgib il-kunjom li ghandhom it-tlett itfal iz-zghar, ix-xhud wiegbet fin-negattiv u li din il-kwistjoni kienet tqajmet minn SB meta giet biex tapplika ghall-iskola. Izzid ukoll illi dan ir-ragel qatt ma kien prezenti, u qatt ma semmewh it-tfal.

**L-attrici xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 76 et seq)** u spjegat illi meta kellha wiehed u ghoxrin sena (21) kienet izzewget lill-intimat u cioe fid-19 ta' Lulju 2021 izda huma qatt ma ghexu flimkien anke ghaliex hi bilkemm kienet tafu. L-attrici tixhed illi kien hemm zmien twil fil-hajja taghha li ma kien xejn sabih u sabet minn ha vantagg minnha tant li spiccat hadet it-triq il-hazina. Illi l-attrici tammetti illi kien hemm zmien fejn kienet tabbuza minn sustanzi illeciti sakemm, bl-ghajnuna ta' nies specjalizzata, irnexxilha ssib postha lura fis-socjeta u tibda hajja mill-gdid ma' uliedha. L-attrici tirrileva illi kien hemm zmien fejn kienet tintbaghat tahdem fil-prostituzzjoni u minhabba dan uliedha ghandhom missirijiet differenti. Illi l-attrici tispjega illi hi ma tafx minn huma l-missirijiet ta' uliedha.

L-attrici tispjega illi hija ghandha sitt (6) ulied; Ay u C llum huma adulti, S li ghandha kwazi X-il sena, D li ghandu kwazi  Y snin u A li ghandu Z  snin. Kellha tifel iehor Dn li sfortunament gie nieqes f'incident tat-traffiku ftit snin ilu. Uliedha gew registrati fuq kunjom LB u dana peress illi f'ghajnejn l-Istat, hija kienet ghadha mizzewga lill-intimat u mhux ghax il-minuri huma verament uliedu. Izzid illi t-tfal ma jafuhx lill-intimat u qatt ma kien f'hajjithom. Illi peress li t-tfal igibu dan il-kunjom, l-attrici qieghda tirriskontra problemi meta tigi biex tiffirma xi karti tal-iskejjel jew ghal xi attivita, u dana peress li qieghda tintalab il-firma tal-intimat u kull darba qed ikollha bzonn tkellem avukat sabiex isir rikors. Illi l-ahhar avukat tal-attrici kienet spjegatilha li tista ssir din il-kawza biex it-tfal ma jibqghux fuq kunjom ragel li mhux missierhom.

L-attrici zzid illi llum hija rriformat ruhha u qieghda trabbi lill-uliedha u qieghda taghmel l-almu taghha sabiex ittihom hajja ferm ahjar milli kellha hi.

**L-attrici xehdet ukoll viva voce nhar is- 17 ta' Marzu 2022** ***(vide fol 85 et seq)*** u kkonfermat illi hija ghandha erbghin (40) sena u ghandha hamest itfal. Hija tispjega illi z-zghir ghandu sitt snin u li qieghda titlob li l-minuri jigu fuq isimha minflok kunjom l-intimat. Mistoqsija mill-Qorti fuq kif iltaqghet mal-intimat, l-attrici tirrileva illi kienet qieghda barra hanut u kienu tkellmu u hadu grokk. Dak iz-zmien hi kienet ghadha zghira, forsi kellha xi twenty jew twenty one u wara xi xahar jew xaharejn, l-intimat kien qalilha biex jizzewwgu u hi qiesha waqghet ghal kliem tieghu, izda dan wara xi gimaghtejn sparixxa. Hi kienet tmur tfittxu imma kienu qalulha li kien telaq. L-attrici tishaq illi huma qatt ma ghexu flimkien ghaliex hu kien jghix ma' xi hbieb u hi ma riditx tmur tghix mal-hbieb tieghu. Dak iz-zmien kienet ghadha tghix ma' ommha. Allura, hi baqghat tghix ghand ommha u gieli kienet tmur xi naqra hdejn l-intimat izda kienet torqod ghand ommha. Darba minnhom marret u qalulha li kien telaq. Illi filfatt ma kien hemm hadd minn shabu gol-post fejn kien joqghod.

Mistoqsija fuq l-etajiet tat-tfal, l-attrici tindika illi ghandhom Z, Y, X, W u Ay ghandha bejn U u V. Illi din il-kawza pero tirrigwarda t-tlett ulied z-zghar. L-attrici tispjega illi issa ilha erba' (4) snin *clean* u qieghda tirrisjedi l-Hamrun flimkien ma' uliedha. Izzid illi ghalkemm m'ghad hemm l-ebda social workers involuti hija baqghet f'kuntatt ma' Dar Hosea. L-attrici tikkonferma illi qatt ma regghet rat lill-intimat u dana fl-ahhar hmistax (15) – il sena.

**Louis Buhagiar rapprezentant tal-Jobs Plus xehed nhar it-23 ta' Mejju 2022** prezenta il-Jobs Plus *employment history* tal-intimat, liema dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok LB1.

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors guramentat tar-rikorrenti permezz tal-procedura ta' affissjoni u publikazzjoni, huwa baqgha kontumaci f'dawn il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech*** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghallgudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement millkontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe.***, Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghallgudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;"***

*Vide* ukoll sentenza fl-ismijiet ***Joseph Aquilina noe v. Lino Debono***, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attrici fejn qieghda titob illi c-certifikati tat-twelid tal-minuri S, D, u A jigu emendati fis-sens illi isem l-intimat LB, indikat bhala l-missier, jigi mhassar u minflok jigi mnizzel missier mhux maghruf. Bl-azzjoni proposta l-attrici qed tattakka l-presunzjoni stabbilita bl- Artikolu 67 tal-Kodici Civili fejn insibu affermat illi:

***"l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".***

Jirrizulta pacifiku illi din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss wahda *juris tantum*. Il-Qorti

taghraf illi hemm gurisprudenza li hi tal-fehma illi m'huwiex fl-ahjar interess tal-minuri illi l-omm tkun tista' tissostiwixxi isem ir-ragel b' "missier mhux maghruf" fuq ic-certifikat ta' twelid tal-wild taghha. Din il-Qorti ghalhekk tistaqsi: jekk m'huwiex fl-ahjar interess tal-minuri li c-certifikat tat-twelid jigi amendat fis-sens illi jitnehha isem il-missier irregistrat li mhux il-missier bijologiku, u jigi sostitwit b' "missier mhux maghruf" meta kawza f'dan is-sens issir mill-mara, ghaliex ukoll m'huwiex kontra l-ahjar interess tal-minuri li jsir dan jekk l-istess kawza tigi istitwita mir-ragel? Illi qatt ma ngabu argumenti li r-ragel m'ghandux ikollu d-dritt li jistitwixxi tali kawza ghaliex din hija kontra l-ahjar interess tal-minuri. Din il-Qorti taghraf illi effettivament ir-rizultat tal-kawza ser ikun l-istess ghal minuri, irrispettivament minn jekk din il-kawza saritx mill-mara jew mir-ragel.

Mill-atti jirrizulta illi l-attrici hija omm ta' sitt (6) itfal: Ay u C, li llum huma maggiorenni, S li ghandha kwazi Z- il sena, D li ghandu kwazi Y snin u Ali ghandu X snin. Illi l-attrici kellha wkoll tifel iehor Dn li sfortunament gie nieqes f'incident tat-traffiku ftit snin ilu.

Illi l-proceduri odjerni jirrigwardaw il-paternita' tat-tlett ulied iz-zghar u cioe **S, D u A**. Illi fil-mument li twieldu dawn it-tlett minuri, l-attrici kienet ghadha legalment mizzewga lill-intimat LB. Illi filfatt kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg *a fol 4,* l-attrici zzewget lill-imsemmi nhar id-19 ta' Lulju 2001. Illi l-minuri twieldu bejn is-sena 2005 u 2015. Illi l-attrici permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, ottjeniet id-divorzju minn mal-intimat fil-25 ta' April 2018 u dana kif jirrizulta mis-sentenza in atti *a fol 9 et seq* u liema sentenza hija ormai *res judicata.*

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa illi l-attrici naqset milli tindika ai termini ta' liema artikolu qed issejjes dawn il-proceduri u talaba illi jinghata dritt jissoleva eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz. Il-Qorti tosserva illi ghalkemm huwa minnu illi l-attrici ma indikatx b'mod espress liema huwa l-artikolu li fuqu qed tibbaza l-azzjoni taghha, huwa car illi l-azzjoni hija msejsa fuq l-artikolu 77 tal-Kodici Civili.

Illi l-artkolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:

> ***Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess:***
>
> ***(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata ul-mija u t-tmenin ġurnata***

***qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibilità fiżika li jgħammar ma' martu minħabba f'li kien bogħod minnha jew minħabba f'xi aċċident ieħor; jew***

***(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturali tat-tifel***

In *subjecta materia,* din il-Qorti diga' kellha l-opportunita' tirrileva, illi fil-fehma konsiderata taghha, huwa car illi dan l-artikolu jaghti dritt t'azzjoni lil kull min ikun interessat sabiex jattaka il-filjazzjoni ta' dak il-wild, inkluz lill-omm. Il-filjazzjoni ta' wild ghandha impatt kbir fuq il-hajja tal-genitur li jkun wiled. Jibda biex jinghad illi sakemm ir-ragel tal-omm ikun imnizzel bhala l-missier tal-wild taghha fuq ic-certifikat tat-twelid hija ma tista' tiehu l-ebda decizjoni li tirrigwarda l-minuri minghajr il-kunsens tieghu, anke fejn il-missier jabbanduna l-familja u jahrab minn Malta. Kull decizjoni relatata mas-safar, domicilju, sahha u edukazzjoni tal-wild trid issir jew bil-kunsens tar-ragel taghha anke jekk m'ghadux jaghmel parti minn hajjithom u l-omm tkun kostretta tirrikorri ghal proceduri quddiem il-Qorti sabiex tikseb awtorizzazzjoni mill-Qorti minflok il-kunsens tar-ragel, kif filfatt tghid li kellha taghmel l-attrici fil-proceduri *de quo.*

Ir-registrazzjoni tar-ragel tal-omm bhala missier uliedha, jista' jkollu wkoll impatt finanzjarju serju fuq il-mara. Anke jekk hija kienet tkun intitolata ghal xi ghajnuna socjali, sakemm ir-ragel taghha jibqa' irregistrat fuq ic-certifikat tat-twelid tal-wild bhala l-missier, hija tigi pprekluza milli tircievi dik l-ghajnuna jekk tkun hi stess li ma talbitx manteniment minghand il-missier irregistrat.

*Rizultanzi Probatorji:*

Mill-provi in atti jirrizulta illi l-attrici zzewget lill-intimat LB fid-19 ta' Lulju tas-sena 2001 (*vide certifikat taz-zwieg a fol 4)* ta' eta relattivament zghira, u f'pejodu turbolenti hafna ta' hajjitha. Illi pero, mix-xhieda tal-attrici jidher illi effettivament il-hajja konjugali bejn il-partijiet qatt ma ezistit, tant illi l-partijiet qatt ma ghexu flimkien. Filfatt fit-testimonjanza taghha l-attrici xehdet illi hi xorta wahda baqghet tghix ghand ommha, filwaqt li l-intimat baqa jirrisjedi f'residenza ohra ma' xi hbieb tieghu. Illi wara circa hmistax mid-data taz-zwieg, l-attrici marret tfittex lill-intimat fir-residenza tieghu, u saret taf minghand terzi illi l-intimat harab. Illi minn dakinhar l'hawn hija qatt ma regghet semghat b'ahbar l-intimat.

Illi l-assenza totali tal-intimat f'hajjet l-attrici u uliedha, kienet ukoll korraborata mit-

testimonjanza *viva voce* ta' Profs Anna Vella u Dr Veronica Zammit. Il-Qorti semghet ukoll dak li wassal lill-attrici ssib kenn f'Dar Hosea, u kif dawn it-tlett minuri ghandhom missirijiet differenti ghaliex hija kienet spiccat sfruttata u inbaghtet tahdem fi protezzjoni u illi huwa ghalhekk li  hija ma tafx min huma l-missirijiet ta' l-izghar ulied. Illi din il-Qorti rat ukoll illi dak testimonjat mill-attrici isib korroborazzjoni indipendenti f'testijiet genetici li saru minn Dr Marisa Cassar *(vide fol 71 et seq)* fuq ordni ta' din il-Qorti, fejn b'mod xjentifiku gie kkonfermat illi filwaqt li Ay, S, D u A ghandhom l-istess omm, ghandhom missier biologiku differenti minn xulxin.

Illi ghalhekk hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi r-rekwiziti indikati fl-artikolu 77 gew pjenament soddisfatti mill-attrici.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-intimat LB detentur tal-karta tal-identita bin-numru M mhuwiex il-missier naturali u biologiku tal-minuri S mwielda nhar il-X,  D imwieled nhar il-Y u A imwieled nhar Z;**

2. **Tilqa' it-tieni talba attrici u konsegwentement tordna illi jithassru u jigu kkancellati d-dettalji kollha tal-konvenut LB detentur tal-karta tal-identita bin-numru Mflimkien mal-konnotati kollha tieghu, kif ukoll il-kelma "the said" u minflok jitnizzlu l-kliem "missier mhux maghruf" mic-certifikati tat-twelid tal-minuri S, D u A li jgibu n-numru ta- iskrizzjoni 3105/2010, 1593/2013, u 5063/2015 rispettivament.**

3. **Tilqa' it-tielet talba attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri S, D u A;**

4. **Tilqa' ir-raba talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jekk ikun il-kaz, jaffettwa l-korrezzjonijiet opportuni f'kull att iehor relattiv;**

5. **Tordna illi a tenur tal-artikolu 92 (6) tal-Kap. 16, il-minuri S, D u A li jgibu n-numru ta- iskrizzjoni 3105/2010, 1593/2013, u 5063/2015 rispettivament, minflok il-kunjom "B" igibu l-kunjom "Bf" u cioe kunjom l-attrici omm.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet hlief ghall-ispejjes tad-Direttur Registru Pubbliku li ghandhom jithallsu mill-attrici.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**